# Il-Ħadd 12.01.2020

1. Illum 12/01, **Festa tal-Magħmudija tal-Mulej.**
   - Fl-10:30am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.

2. Il-Ġimgħa 17/01:
   - Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom.

3. Is-Sibt 18/01:
   - Tibda ġimgħa ta' talb għall-Għaqda tal-Knejjes Insara bit-tema:
     **"Ġiebu ruħhom magħna bi ħlewwa li ma bħalha."** *(Atti 28:2)*.

4. Il-Ħamis 23/01:-
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: Immorru l-Knisja ta' San Pawl ir-Rabat, fejn ikollna quddiesa fil-kappella ta' San Publiju, wara nagħmlu żjara fil-Grotta ta' San Pawl u wkoll fil-Mużew Wignacourt. Nispiċċaw b'Coffee Morning f'ħanut fil-lokal stess.
     Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.

5. Avviżi oħra:
   - Wasal id-Djarju-Direttorju Parrokkjali għas-sena 2020. Min is-soltu jqassam il-Magażin 'Flimkien' mitlub jiġborhom mis-Sagristija, u nirringrazzjawhom dejjem tas-servizz.
   - Il-Fakultà tat-Teoloġija flimkien mas-Segretarjat għal-Liturġija ser torganizza kors ta' 10 laqgħat dwar is-simboli li nużaw fil-liturġija. Dan il-kors hu maħsub li joffri formazzjoni lil dawk li b'xi mod jew ieħor jaqdu xi ministeru liturġiku fil-knejjes tagħna. Il-kors issa ser isir fil-Kurja tal-Arċisqof. bejn is-6:00 u t-8:00p.m. Aktar dettalji u applikazzjonijiet billi jintbgħat email fuq: jesmond.manicaro@um.edu.mt sat-Tnejn 27/01/2020.
   - Jekk Alla jrid, b'rabta mal-ewwel Quddiesa Solenni (il-Prima Messa) ġewwa Ħal Safi ta' Dun Tony Pace, qed issir stedina lill-Ex-Koristi tal-Kor Sine Macula biex dakinhar (il-Ħadd 26/04/20 fis-6:00pm) ikantaw mal-kor. Min hu interessat jista' jikseb aktar dettalji mingħand Rev. Tony Pace stess jew mingħand Mro Alexandra Borg.

6. Avviżi mill-Kunsill Lokali:
   - Kif forsi diġa smajtu, bord maħtur mid-Direttorat tar-Restawr taħt il-Ministeru tal-Kultura approva r-restawr tal-lat estern tal-Kappella ta' Santa Marija. Ser nimxu bl-istess proċess li mxejna meta saret il-faċċata taċ-Ċentru Parrokkjali. Grazzi lil kulmin qed jgħin f'din l-inizzjattiva.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 315 bħala ġabra speċjali b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti tar-restawr.
   - € 5,000 bħala donazzjoni minn benefattur b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr, speċjalment għar-restawr tar-raġġiera tal-Ġilandra tal-Milied. Grazzi.
   - Infakkar fl-envelopes bl-Istrina tagħkom b'risq il-knisja. Min għadu ma tax il-kontribut tiegħu inħeġġu jagħmel dan mill-aktar fis ħalli nkomplu bil-proġetti li nixtiequ nagħmlu. Nitlobkom tkunu ġenerużi.